303

**Fit-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
22 NOV 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Nurmu tal-Infurzar: EC/143/22

Sit: 145, 146, Razzett Summiena, Sqaq Nru. 3, Pjazza San Girgor, Kercem, Ghawdex

Ghandek zvilupp minghajr permess u li jikkonsisti minn: (i) hajt mibni bil-gebel tal-franka u zewg pilastri sporguti 'l barra; (ii) twahhil ta' xatba tal-hadid fuq in-naha ta' gewwa tas-sit; u (iii) kostruzzjoni ta' zewg pilastri bil-gebel tal-franka u twahhil ta' xatba tal-hadid

**Joseph Borg**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**Rikors tal-Appell ta' Joseph Borg ta' 145, Razzett Summiena, Sqaq Numru 3, Pjazza San Girgor, Kercem, Ghawdex, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 335795(M)**

Jesponi bir-rispett:

Illi l-appellant issottometta zewg (2) permessi relattivi ghas-sit in kwistjoni li kienu jikkoncernaw il-mertu ta' dan l-avviz ta' infurzar, liema permess ghandhom in-numri PA/4466/21 u PA/4537/21;

Illi dawn iz-zewg applikazzjoni kienu gew irtirati mill-istess esponenti in vista' li kellhom isiru xi verifiki relattivi ghall-linja tal-bini kif ukoll dwar verifiki dwar l-istreet alignment relattiv ghal din il-materja;

Illi konsegwentement, wara li dawn iz-zewg applikazzjoni kienu gew irtirati, l-esponenti rcieva l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq mertu ta' dawn il-proceduri;

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'dan l-avviz u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell tieghu mill-imsemmi avviz ai termini tal-Ligi;

Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u unekwivoci u jikkonsistu f'dan li gej;

1. Illi l-esponenti jissottometti li l-ixtabi li ssir referenza ghalihom, kemm dik tan-naha ta' gewwa kif ukoll dik tan-naha ta' barra u li dwarhom inhareg l-avviz in kwistjoni kienu ilhom ezistenti ghexieren ta' snin sahansitra minn qabel is-sena 1957 u dan kif sejjer jigi evidentement ippruvat matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell;

2. Illi s-sit in kwistjoni fil-fatt huwa propjeta' privata u l-esponenti huwa fil-fatt il-propjetarju ta' dawn l-ambjenti. Barra minn hekk, kif sejjer jigi debitament ippruvat matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell, dan l-isqaq minn dejjem kien jigi utilizzat mill-familjari tal-esponenti biss u fil-fatt kienu huma biss li kellhom access ghal dawn l-ambjenti. Illi hekk kif sejjer jigi ippruvat, dan l-isqaq kien dejjem maghluq permezz ta' l-ixtabi li ssir referenza ghalihom u li ta' dan l-esponenti ghandu provi cari;

3. Illi apparti hekk l-esponenti jissenjala li meta kien sar xoghol ta' tisbih da parti tal-Kunsill Lokali Ta' Kercem lura fis-sena 1995 liema xogholijiet ghadhom fl-istat attwali li fih jinsab dan l-isqaq, dawn ix-xogholijiet kienu replika ta' dak kollu li kien ezistenti fuq is-sit in kwistjoni. Illi dan kollu sejjer jigi debitament ikkonfermat matul it-trattazzjoni ta' dan l-appell anke permezz ta' dokumentazzjoni li turi b'mod mill-aktar car li l-istat li fih kien l-isqaq bl-ixtabi in kwisjoni kien fil-fatt ilu jezisti ghexieren ta' snin;

4. Illi barra minn hekk, ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' pilastri tal-gebel li ssir referenza ghalihom fl-avviz biex tieqaf u ta' twettiq, dawn ukoll kienu ezistenti u li fil-fatt kienu jiffurmaw il-pilastri li kienu jzommu l-ixtabi li permezz taghhom kienet maghluqa l-entratura ta' dan l-isqaq, evidentement sabiex terzi persuni ma jidhlux fil-propjeta' tal-familja tal-esponenti, liema propjeta' ghadha fil-fatt propjeta' privata sa llum;

5. Illi jizdied jinghad illi l-mittenti ma ghamel l-ebda xoghol ta' bini ta' hajt sporguti 'l barra hlief manutenzjoni tal-istrutturi ezistenti u dan kif sejjer jigi ppruvat matul is-smiegh ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost kif ukoll tar-ragunijiet l-ohra kollha u ghall-provi u s-sottomossjonijiet kollha li l-appellant jirrizerva li jaghmel matul is-smiegh ta' dan l-appell, l-appellant qieghed umilment jaghmel it-talba tieghu sabiex dan it-Tribunal jirrevoka l-avviz biex tieqaf u ta twettieq hawn fuq imsemmi mahrug fil-konfront tieghu u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni.

Flimkien ma' dan l-appell qed jigi anness kopja tal-avviz biex tieqaf u ta twettiq mertu ta' dan l-appell kif ukoll ricevuta tal-hlas tal-pagament tal-appell.

Avv. Joshua Grech
94, Triq San Girgor,
Kercem, Ghawdex